MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2004

Numru. 384/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**Carmela Buhagiar ta’ 27 sena, mart Gilbert u bint Paul Cachia u Frances nee Gray, imwielda Pieta’ fil-11 ta’ April, 1977 u toqghod ‘Narcis’, Triq il-Qalliet, Marsascala, numbru ta’ l-identita’ 277477 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Carmela Buahagiar li giet akkuzata talli bejn it-23 u l-24 ta’ Frar, 2004 f’xi hin matul il-gurnata f’Marsascala, ikkommettiet serq ta’ flus kontanti u oggetti tad-deheb, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u l-valur li jeccedi l-elf lira

Maltin, sar ghad-dannu tal-konjugi Giovanni u Salvina Buhagiar minn Marsascala.

Akkuzata wkoll talli fit-23 ta' Frar, 2004 u fil-jiem ta' wara f'diversi lokalitajiet f'dawn il-gzejjer, xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg, u cioe l-flus u l-oggetti msemmija aktar il-fuq misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li tkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom,

U aktar akkuzata talli fl-24 ta' Frar, 2004 u fil-jiem ta' wara f'dawn il-gzejjer permezz tal-kitba, heddet lil haddiehor b'xi delitt, li flimkien mat-theddid, kien hemm ordni jew kundizzjoni,

Akkuzata wkoll talli fl-24 ta' Frar, 2004 u fil-jiem ta' wara f'dawn il-gzejjer uzat xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih kien provdut, jew naqset milli tosserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamilt uzu minn mhux sew,

U aktar akkuzata ukoll talli fl-24 ta' Frar, 2004 u fil-jiem ta' wara f'dawn il-gzejjer ghamlet lil haddiehor ingurji jew theddid.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-akkuzata.

Rat ukoll il-pre-sentencing report prezentat mill-Probation Officer.

Fuq ammissjoni qed issibha hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha. Wara li tqis pero' li r-ricettazzjoni hija akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza.

Rat l-artikolu 263, 269, 267, 278, 279, 335, 17 tal-Kapitlu 9. Rat l-Artiklu 39 tal-Kapitlu 399.

Qieset li fil-fatt Carmela Buhagiar ghandha bzonn ghajnuna biex tohrog mill-problemi li sabet ruhha fihom u li piena karcerarja mhux wahda idonea. Rat l-artiklu 22 tal-Kapitlu 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-llum.

Rat ukoll l-artiklu 7 ta' l-imsemmi Kapitlu u tqeghdha taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena mil-llum b'dan illi qed tirrakkomanda li tinzamm l-istess probation officer li rredigiet il-pre sentencing report.

B'dan illi Carmela Buhagiar ghandha tobdi kull direttiva moghtija mill-Probation Officer f'dak li hija kura jew direzzjoni mehtiega fil-kamp psikjatriku kif ukoll psikologiku. Il-probation officer ghandha taghmel rapport bil-miktub kull tmien gimghat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------